**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D. Adv.Trib.Eccl.Melit,**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 13 ta' Marzu, 2001**

**Numru**

**Avviz. numru 1762/99JR**

**Charles u Pamela konjugi Galea**

**vs**

**Omnibus Pool u Wilfred Cardona**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-15 ta' Novembru, 1999, fejn intalab il-hlas ta' sebgha u sittin lira Maltija (Lm67.00), rapprezentanti danni li sofrew l-atturi meta fil-Pieta` fit-3 ta' Dicembru, 1997, il-konvenut Wilfred Cardona li kien qed isuq vettura Leyland numru EBY-478 laqat il-vettura ta' l-atturi Subaru JAF-523, u dan prevja dikjarazzjoni li din il-kollizzjoni grat unikament minhabba**

**negligenza, imperizja u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti tieghu.**

**Bl-ispejjez kontra l-konvenuti u bl-imghax legali, u l-konvenuti ngunti ghas-subizzjoni.**

**Ra r-risposta tal-konvenuti prezentata fil-21 ta' Jannar, 2000, fejn intqal:**

i. **illi l-incident de quo gara unikament htija ta' l-attur Charles Galea;**
ii. **ghalhekk il-konvenut Wilfred Cardona u l-assikurazzjoni konvenuta Omnibus Pool ma ghandhomx ihallsu danni lill-attur;**
iii. **salvi eccezzjonijiet ohra.**

**Semgha x-xhieda ta' P.S.634 Wilfred Imbroll, Charles Galea, u Wilfred Cardona. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ikkunsidra:**

1. **Illi dan il-kaz jirrigwarda incident awtomobilistiku li gara fi Triq Princess Melita, f'dik il-parti li mill-Pieta` taghti ghall-Bombi, u dana fit-3 ta' Dicembru, 1997, fit.3.30p.m.**
2. **L-attur kien qed isuq il-vann numru ta' registrazzjoni JAF-523, u dana fil-karreggjata ta' barra, filwaqt li l-konvenut Wilfred Cardona kien qed isuq ix-xarabank numru ta' registrazzjoni EBY-478 fil-karreggjata ta' gewwa, u z-zewg vetturi kienu sejrin fl-istess direzzjoni.**

3. **Skond l-attur hu kien miexi ma gemb ix-xarabank, jahseb li xi ftit qabilha. Qal ukoll li fil-hin ta' l-incident kien cirka tul ta' xarabank aktar-il quddiem mill-konvenut. L-attur isostni li l-konvenut laqtu fuq wara, u hu inqaleb u tkaxkar ghall-hmistax-il metru. L-attur kien ser ikompli miexi fid-dritt u ma kienx ser jaqleb karreggjata, u ma kellux ghalfejn jixghel "indicator". Skond l-attur ma kienx hemm traffiku quddiemu.**

4. **Il-konvenut kien miexi fil-karreggjata ta' gewwa, u skond dan kien hemm traffiku kemm quddiemu kif ukoll warajh. Skond il-konvenut, l-attur qasam il-gewwa, tilef il-kontroll, mess mal-mera tal-konvenut, habat mas-"centre strip" u inqaleb. Dana meta kienu tul cirka xarabank mi-triq li taghti ghall-Marsa. Skond il-konvenut, Il-vann mess u qaccat il-mera tax-xarabank.**

5. **Jirrizukta li l-vann tkaxkar u spicca ma' arblu. Dak il-hin karrozza ohra baqghet diehla fix-xarabank minn wara, u kien hemm daqqa ohra. Ix-xarabank kellha danni fuq wara u fuq quddiem in-naha tal-lemin, filwaqt li l-vann kellu hsarat fiz-zewg gnub. Jirrizulta mill-isketch Dok.A li l-mera tax-xarabank spiccat quddiem l-istess xarabank.**

6. **Fil-versjoni moghtija lill-Pulizija, skond ma jirrizulta mill-okkorrenza Dok.B, il-konvenut stqarr li l-attur ipprova jaqbez, hakk max-xarabank u inqaleb. Filwaqt li l-attur jghid li xeghel l-indicator u kif beda diehel fuq il-lane ta' gewwa intlaqat minn xi haga u inqaleb.**

**7. Jekk wiehed jara l-isketch jinnota li x-xarabank kienet fil-karreggjata taghha. Il-fatt li l-mera spiccat quddiem ix-xarabank huwa indikativ li l-vann laqat max-xarabank mill-genb waqt li qed jeffettwa s-sorpass, u din il-mera taret quddiem. Jekk wiehed jaccetta l-versjoni ta' l-attur li kienet x-xarabank li dahlet go fih minn warajh, ikun inspjegabbli l-fatt li din il-mera intlaqtet, tqacctet u ittajret. Jidher ukoll li l-vann kien ghaddej b'certa velocita`, u dana jispjega il-fatt li meta laqat max-xarabank, tilef il-kontroll, inqaleb u tkaxkar. L-attur "a tempo vergine" jghid li xeghel "indicator", filwaqt li fid-deposizzjoni tieghu qal li ma xeghelx "indicator" ghax kien bi hsiebu jibqa' miexi ghad-dritt. It-Tribunal qed jaghti aktar affidabilita`, tenut kont tac-cirkostanzi kollha, ghall-dak li ntqal lis-Surgent fil-mument wara l-habta. Pero` anke li kieku xeghel "indicator", tali indikazzjoni li ser jaqleb karreggjata kellha tkun "timeous", haga li ma jidhirx li kienet.**

**Tenut kont ta' dan kollu jirrizulta li l-incident gara unikament tort ta' l-attur. Ghaldaqstant in vista ta' dak li ntqal it-tribunal qed jichad it-talba ta' l-atturi, bl-ispejjez kontra taghhom.**

**Dr Joseph Refalo**
**GUDIKATUR**